A.L. XXX tal-2026

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT
## (KAP. 549)

### Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti Dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-Regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**
**L.S. 549.44.**

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti Dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti Dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

**Jemenda Skeda V tar-regolamenti prinċipali.**

2. Fi Skeda V tar-regolamenti prinċipali, taħt punt (a) titolat bħala 'Animals', il-kliem "*Canis lupus* (except the Greek populations north of the 39th parallel; Estonian populations, Spanish populations north of the Duero; Bulgarian; Latvian, Lithuanian, Polish, Slovak populations and Finnish populations within the reindeer management area as defined in paragraph 2 of the Finnish Act No 848/90 of 14 September 1990 on reindeer management)" għandhom jiġu mħassra.

**Jemenda Skeda VII tar-regolamenti prinċipali.**

3. Fi Skeda VII tar-regolamenti prinċipali, taħt punt (a) titolat bħala 'Animals', il-kliem "*Canis lupus* (Spanish populations north of the Duero, Greek populations north of the 39th parallel, Finnish populations within the reindeer management area as defined in paragraph 2 of the Finnish Act No 848/90 of14 September 1990 on reindeer management, Bulgarian, Latvian, Lithuanian, Estonian, Polish and Slovak populations)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "*Canis lupus*".

DRAFT